



27.9.2018

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent  
(COM(2018)0340 – C8-0218/2018 – 2018/0172(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Barbara Kappel

PA\_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-prevenzjoni u t-tnaqqis taż-żibel tal-plastik fil-baħar magħmul minn prodotti tal-plastik li jintuża darba biss (SUP) u rkaptu tas-sajd li jkun fih il-plastik qed jikkomplementaw miżuri speċifiċi dwar il-mikroplastiks previsti fl-Istrateġija tal-UE dwar il-Plastik. Wara li ġew indirizzati l-basktijiet tal-plastik fl-2015, ġew identifikati 10 prodotti SUP u rkaptu tas-sajd (l-hekk imsejħa makroplastiks) li jammontaw għal 70 % taż-żibel fil-baħar fl-Ewropa. Huwa importanti li l-UE tiegħu miżuri xierqa biex tindirizza l-aspetti ambjentali tal-baħar billi jitnaqqas l-ammont ta' rimi ta' plastik fl-oċeani u fuq il-bajjiet, filwaqt li tiffoka aktar fuq il-kuntest usa' tat-tranżizzjoni mill-plastiks għall-ekonomija ċirkolari.

Ir-rimi fil-baħar huwa problema globali li tmur ferm lil hinn mill-fruntieri tal-UE u huwa biss ftehim globali li jista' jindirizza bis-sħiħ l-isfida għall-pjaneta tagħna. Kif juru l-istudji, 80 % taż-żibel fil-baħar joriġina biss minn 20 pajjiż, filwaqt li l-ebda wieħed minnhom ma huwa stat membru tal-UE. Għalhekk, ir-rapporteur titlob approċċ globali fil-ġlieda kontra t-tniġġis ikkawżat mill-plastik u tħeġġeġ għal miżuri meħtieġa fil-livell tal-G7 u tal-G20, kif ukoll l-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU. Barra minn hekk, selliefa multinazzjonali u finanzjaturi internazzjonali għandhom jiffukaw l-impenn tagħhom fuq miżuri biex inaqqsu ż-żibel fil-baħar billi jimmiraw programmi tal-immaniġġjar tal-iskart fil-qafas tal-ekonomija ċirkolari.

Barra minn hekk is-sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi tikkostitwixxi element kruċjali għal tnaqqis b'suċċess tal-prodotti SUP. Ir-rapporteur hija konvinta li l-kampanji ta' sensibilizzazzjoni pubblika u ta' edukazzjoni huma strumentali biex jinkisbu riżultati dejjiema fir-rigward tal-miżuri imposti fuq l-Istati Membri u l-industrija.

L-analiżi tal-Kummissjoni tistma li l-għażliet proposti tagħha li jkopru projbizzjoni ta' ċerti plastiks SUP u miri ta' tnaqqis, ir-Responsabbiltà Estiża tal-Produttur (EPR), miżuri tad-disinn tal-prodott kif ukoll inċentivi lis-sajjieda għar-ritorn tal-irkaptu jiffrankaw ekwivalenti ta' 2.6 miljun tonnellata ta' CO<sub>2</sub> u jevitaw ħsara ambjentali ekwivalenti għal EUR 11-il biljun. L-ispejjeż tal-konformità għan-negozji jammontaw għal EUR 2 biljun u ta' EUR 510 miljun għall-ġestjoni tal-iskart. Il-konsumaturi se jiffrankaw madwar EUR 6.5 biljun, filwaqt li rimborż tad-depożitu jew sistema ekwivalenti jiswew lill-konsumaturi ammont addizzjonali ta' EUR 1.4 biljun. Il-Kummissjoni tistma li fl-aħjar xenarju, l-ispiża addizzjonali għall-industrija tas-sajd se tammonta għal 0.16 % tad-dħul. Madankollu, il-Kummissjoni ma tipprovdix data dwar l-ispejjeż ta' implimentazzjoni tal-EPR trasferiti kompletament lill-konsumatur aħħari.

Ir-rapporteur tixtieq tenfasizza li bħala prinċipju ġenerali, l-għażla ta' "projbizzjoni" ta' ċerti tipi ta' prodotti għandha tkun l-aħħar għażla. Fil-fatt, ikun preferibbli li jkun hemm approċċ imsejjes fuq standards dejjem akbar li għandhom, bħala konsegwenza, li jeliminaw ċerti prodotti li jniġġsu mis-suq, iżda li fl-istess ħin jippromwovu ir-R&Ż u l-innovazzjoni f'prodotti aktar kosteffettivi, riċiklabbli, bijodegradabbli jew li ma jagħmlux ħsara. Dawn l-istandards ġodda għandhom jiġu implimentati fi żmien raġonevoli sabiex jiġi żgurat li l-SMEs ikunu jistgħu jadattaw il-mudell tan-negozju tagħhom, peress li maġġoranza vasta tal-50,000 kumpanija li jirrappreżentaw is-settur tal-konvertituri tal-plastik fl-UE huma SMEs.

L-indirizzar taż-żibel fil-baħar jista' joħloq opportunitajiet ekonomiċi. In-negozji jistgħu jagħtu spinta lill-kompetittività tagħhom permezz tar-R&Ż billi jikkontribwixxu għal ekonomija li tuża r-riżorsi b'effiċjenza u li hija dekarbonizzata. L-investimenti fil-prevenzjoni

tat-tixrid taż-żibel fil-baħar, f'materjali alternattivi sostenibbli, f'prodotti u f'mudelli kummerċjali jistgħu jgħinu biex jinħolqu l-impjiegi u jissaħħu l-ħiliet tekniċi u xjentifiċi. Filwaqt li tintlaqgħa l-inizjattiva biex jitnaqqas il-plastik SUP, huwa meħtieġ approċċ ibbilanċjat li jiżgura l-proporzjonalità.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

### Emenda 1

#### Proposta għal direttiva Kunsiderazzjoni 1

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

##### *Emenda*

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu ***u l-Artikolu 114 f'dak li jirrigwarda l-imballaġġ kif iddefinit fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 94/62/KE;***

### Emenda 2

#### Proposta għal direttiva Premessa 1

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(1) Il-funzjonalità għolja u l-ispiża relattivament baxxa tal-plastik ifisser li dan il-materjal jinstab dejjem aktar u kullimkien fil-ħajja ta' kuljum. L-użu dejjem jikber tiegħu f'applikazzjonijiet b'ħajja qasira, li mhumiex maħsuba għall-użu mill-ġdid jew għar-riċiklaġġ kosteffettiv ifisser li x-xejriet tal-produzzjoni u tal-konsum relatati saru dejjem aktar ineffiċjenti u lineari. Għalhekk, fil-kuntest tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija Ċirkolari<sup>32</sup>, il-Kummissjoni kkonkludiet fl-Istrateġija Ewropea għall-Plastiks<sup>33</sup> li ż-żieda kostanti

##### *Emenda*

(1) Il-funzjonalità għolja u l-ispiża relattivament baxxa tal-plastik ifisser li dan il-materjal jinstab dejjem aktar u kullimkien fil-ħajja ta' kuljum. L-użu dejjem jikber tiegħu f'applikazzjonijiet b'ħajja qasira, li mhumiex maħsuba għall-użu mill-ġdid jew għar-riċiklaġġ kosteffettiv ifisser li x-xejriet tal-produzzjoni u tal-konsum relatati saru dejjem aktar ineffiċjenti u lineari. Għalhekk, fil-kuntest tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija Ċirkolari<sup>32</sup>, il-Kummissjoni kkonkludiet fl-Istrateġija Ewropea għall-Plastiks<sup>33</sup> li ż-żieda kostanti

fil-ġenerazzjoni tal-iskart u r-rilaxx tiegħu fl-ambjent tagħna, b'mod partikolari fl-ambjent tal-baħar, iridu jiġu indirizzati sabiex jinkiseb approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja verament ċirkolari għall-plastiks.

fil-ġenerazzjoni tal-iskart u r-rilaxx tiegħu fl-ambjent tagħna, b'mod partikolari fl-ambjent tal-baħar, iridu jiġu indirizzati sabiex jinkiseb approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja verament ċirkolari għall-plastiks.

***Kwalunkwe sforz ulterjuri fil-qasam tal-plastiks għandu jkun ibbażat fuq il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ekonomija ċirkolari adottata reċentement u jkun kompatibbli magħha bis-sħiħ, u jkun adatt għas-sistema stabbilita permezz tagħha.***

---

<sup>32</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni L-għeluq taċ-ċirku - Pjan ta' azzjoni tal-UE għal ekonomija ċirkolari (COM(2015) 0614 final).

---

<sup>32</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni - "L-għeluq taċ-ċirku - Pjan ta' azzjoni tal-UE għal ekonomija ċirkolari" (COM(2015) 0614 final).

<sup>33</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni - "Strateġija Ewropea għall-Plastiks f'Ekonomija Ċirkolari" (COM(2018)28 final).

<sup>33</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni - "Strateġija Ewropea għall-Plastiks f'Ekonomija Ċirkolari" (COM(2018)28 final).

### Emenda 3

#### Proposta għal direttiva Premessa 1a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(1a) Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iskart adottata reċentement, b'mod partikolari d-Direttiva 2008/98/UE, id-Direttiva 94/62/UE u d-Direttiva 1999/31/UE stabbiliet sistema kumplessa ta' statistika tal-ġbir u tar-riċiklaġġ tal-iskart, miri ċari għar-riċiklaġġ ta' ċerti flussi ta' skart inkluż il-plastik u ġerarkija tal-iskart. Hija identifikat ukoll inċentivi għal tranżizzjoni lejn ekonomija aktar ċirkolari, użu aktar mifruq tal-materjali***

*rriċiklati, obbligi ddefiniti għall-produtturi skont ir-rekwiżiti minimi għar-responsabbiltà estiża tal-produttur. L-għan ta' din id-direttiva mhuwiex li tissostitwixxi din l-iskema iżda minflok tikkomplementaha b'miżuri li jindirizzaw problema speċifika taż-żibel fil-baħar.*

#### **Emenda 4**

##### **Proposta għal direttiva Premessa 1b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(1b) Il-prosperità ekonomika tal-Unjoni hija inseparabbli mis-sostenibbiltà ambjentali fit-tul. Iż-żieda tas-sostenibbiltà tal-mudelli ekonomiċi tal-Istati Membri tista' toħloq opportunitajiet ġodda għall-innovazzjoni, il-kompetittività u l-ħolqien tal-impjiegi.*

#### **Emenda 5**

##### **Proposta għal direttiva Premessa 1c (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(1c) L-isfidi marbuta mat-trattament tal-iskart tal-plastik jistgħu jinbidlu f'opportunità għall-industrija Ewropea biex ikollha rwol ta' tmexxija fid-dinja billi toffri soluzzjonijiet għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari.*

#### **Emenda 6**

##### **Proposta għal direttiva Premessa 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(2) Approċċi ċirkolari li jipprijoritizzaw il-prodotti riutilizzabbli u s-sistemi għall-użu mill-ġdid se jwasslu għal tnaqqis tal-iskart iġġenerat, u tali prevenzjoni hija fuq nett fil-ġerarkija tal-iskart imnaqqxa fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>34</sup>. Approċċi bħal dawn huma wkoll konformi mal-Għan nru 12 ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti<sup>35</sup> li jiżgura xejriet sostenibbli ta' konsum u ta' produzzjoni.

<sup>34</sup> Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3)

<sup>35</sup> L-aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fil-25 ta' Settembru 2015.

(2) Approċċi ċirkolari li jipprijoritizzaw il-prodotti riutilizzabbli u s-sistemi għall-użu mill-ġdid, **minbarra r-riċiklabilità tal-prodotti**, se jwasslu għal tnaqqis tal-iskart iġġenerat, u tali prevenzjoni hija fuq nett fil-ġerarkija tal-iskart imnaqqxa fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>34</sup>. Approċċi bħal dawn huma wkoll konformi mal-Għan nru 12 ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti<sup>35</sup> li jiżgura xejriet sostenibbli ta' konsum u ta' produzzjoni.

<sup>34</sup> Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3)

<sup>35</sup> L-aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fil-25 ta' Settembru 2015.

## Emenda 7

### Proposta għal direttiva Premessa 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(3) Iż-żibel fil-baħar, min-natura tiegħu stess, jaqsam il-fruntieri u huwa rikonoxxut bħala problema globali. It-tnaqqis taż-żibel fil-baħar huwa azzjoni ewlenija għall-kisba tal-Għan nru 14 ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti li jitlob għall-konservazzjoni u l-użu b'mod sostenibbli tal-oċeani, tal-ibħra u tar-riżorsi tal-baħar għall-iżvilupp sostenibbli<sup>36</sup>. L-Unjoni għandha tagħti s-sehem tagħha għat-trattament taż-żibel tal-baħar u għandu jkollha l-għan li tkun mudell standard għad-dinja. F'dan il-kuntest, l-Unjoni **qed taħdem ma' msieħba f'bosta** fora

#### *Emenda*

(3) **150 miljun tunnellata ta' plastiks u mikroplastiks akkumulaw fl-oċeani u fl-ibħra tad-dinja, u qed jikkawżaw ħsara serja lill-fawna u l-flora tal-baħar, lill-klima u lill-bijodiversità globali;** Iż-żibel fil-baħar, min-natura tiegħu stess, jaqsam il-fruntieri u huwa rikonoxxut bħala problema globali. It-tnaqqis taż-żibel fil-baħar huwa azzjoni ewlenija għall-kisba tal-Għan nru 14 ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti li jitlob għall-konservazzjoni u l-użu b'mod sostenibbli tal-oċeani, tal-ibħra u tar-riżorsi tal-baħar għall-iżvilupp sostenibbli<sup>36</sup>. L-Unjoni

internazzjonali bħall-G20, il-G7 u n-Nazzjonijiet Uniti biex tippromwovi l-azzjoni **konġunta**. Din l-inizjattiva tagħmel parti **mill-sforzi** tal-Unjoni f'dan ir-rigward.

għandha tagħti s-sehem tagħha għat-trattament taż-żibel tal-baħar u għandu jkollha l-għan li tkun mudell standard għad-dinja, **filwaqt li tissalvagwardja kuntest ta' kompetizzjoni ġusta għall-industrija tagħha**. F'dan il-kuntest, l-Unjoni **jenħtieġ li tfittex impenji minn imsieħba f'fora ta' livell** internazzjonali bħall-G20, il-G7 u n-Nazzjonijiet Uniti biex tippromwovi azzjoni **miftiehma**. Din l-inizjattiva tagħmel parti **mill-isforzi** tal-Unjoni f'dan ir-rigward **biex tnaqqas l-iskart għal ekonomija sostenibbli**.

---

<sup>36</sup> L-aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fil-25 ta' Settembru 2015.

---

<sup>36</sup> L-aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fil-25 ta' Settembru 2015.

## Emenda 8

### Proposta għal direttiva Premessa 3a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(3a) Minkejja l-isforz tal-UE fil-qasam tad-diplomazija dwar il-klima u tal-kooperazzjoni internazzjonali, is-sitwazzjoni f'ċerti pajjiżi terzi għadha allarmanti. L-UE jehntiġilha żżid l-isforzi tagħha fil-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tal-ħarsien ambjentali. L-UE għandha taqdi r-rwol tagħha bħala faċilitatur u pijunier tal-politika ambjentali u tal-ġestjoni tal-iskart. L-UE jenħtieġ li tistinka biex taqsam l-esperjenzi, ixxerred l-għarfien espert u t-teknoloġiji sabiex tindirizza t-tniġġis tal-plastik u tiskambja l-aħjar Prattiki fil-qasam tal-protezzjoni tal-ambjent akkwatiku, it-tindif tiegħu u l-prevenzjoni tat-tniġġis mill-plastik.**

## Emenda 9



**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(5) Fl-Unjoni, bejn 80 u 85 % taż-żibel fil-baħar, imkejjeġel bħala żibel fuq ix-xtajtiet, huwa plastik; 50 % huwa kkostitwit minn oġġetti tal-plastik li jintużaw darba biss filwaqt li oġġetti relatati mas-sajd jirrappreżentaw 27 %. Prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss jinkludu firxa wiesgħa ta' prodotti tal-konsumatur użati komunement u li jimxu ħafna u li jintremew wara li jintużaw darba għall-fini li għalih ġew ipprovduti, rarament jiġu riċiklati, u jagħtu lok għat-tixrid taż-żibel. Proporzjon sinifikanti tal-irkaptu tas-sajd li jitqiegħed fis-suq ma jinġabarx għat-trattament. Il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u l-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik għalhekk jikkostitwixxu problema partikolarment serja fil-kuntest taż-żibel fil-baħar u joħolqu riskju serju għall-ekosistemi tal-baħar, għall-bijodiversità u, potenzjalment, għas-saħħa tal-bniedem u **huma ta'** ħsara **għall-attivitajiet** bħat-turiżmu, is-sajd u **t-tbaħħir**.

**Emenda 10**

**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 6**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(6) Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni<sup>40</sup> u l-istrumenti ta' politika eżistenti jipprovdu ċerti reazzjonijiet regolatorji li jindirizzaw iż-żibel fil-baħar. B'mod partikolari, l-iskart tal-plastik huwa soġġett għal miżuri u miri ġenerali tal-Unjoni rigward il-ġestjoni tal-iskart, bħall-mira tar-riċiklaġġ għall-iskart tal-imballaġġ tal-plastik<sup>41</sup> u l-għan reċentement adottat fl-Istrateġija

*Emenda*

(5) Fl-Unjoni, bejn 80 u 85 % taż-żibel fil-baħar, imkejjeġel bħala żibel fuq ix-xtajtiet, huwa plastik; 50 % huwa kkostitwit minn oġġetti tal-plastik li jintużaw darba biss filwaqt li oġġetti relatati mas-sajd jirrappreżentaw 27 %. Prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss jinkludu firxa wiesgħa ta' prodotti tal-konsumatur użati komunement u li jimxu ħafna u li jintremew wara li jintużaw darba għall-fini li għalih ġew ipprovduti, rarament jiġu riċiklati, u jagħtu lok għat-tixrid taż-żibel. Proporzjon sinifikanti tal-irkaptu tas-sajd li jitqiegħed fis-suq ma jinġabarx għat-trattament. Il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u l-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik għalhekk jikkostitwixxu problema partikolarment serja fil-kuntest taż-żibel fil-baħar u joħolqu riskju serju għall-ekosistemi tal-baħar, għall-bijodiversità u, potenzjalment, għas-saħħa tal-bniedem u **tal-animali**. **Qegħdin jagħmlu** ħsara **wkoll lill-attivitajiet** bħat-turiżmu, is-sajd u **t-trasport marittimu, speċjalment għar-regġuni kostali u l-gżejjer**.

*Emenda*

(6) Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni<sup>40</sup> u l-istrumenti ta' politika eżistenti jipprovdu ċerti reazzjonijiet regolatorji li jindirizzaw iż-żibel fil-baħar. B'mod partikolari, l-iskart tal-plastik huwa soġġett għal miżuri u miri ġenerali tal-Unjoni rigward il-ġestjoni tal-iskart, bħall-mira tar-riċiklaġġ għall-iskart tal-imballaġġ tal-plastik<sup>41</sup> u l-għan reċentement adottat fl-Istrateġija

għall-Plastiks<sup>42</sup> biex jiġi żgurat li l-imballaġġ tal-plastik kollu jkun riċiklabbli sal-2030. ***Madankollu, l-impatt ta' dik il-leġiżlazzjoni fuq l-iskart fil-baħar mhux biżżejjed u hemm differenzi fil-kamp ta' applikazzjoni u fil-livell ta' ambizzjoni fost il-miżuri nazzjonali sabiex jiġi evitat u jtnaqqas iż-żibel fil-baħar. Barra minn hekk, uħud minn dawn il-miżuri, b'mod partikolari r-restrizzjonijiet għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, jistgħu jgħallqu ostakli għall-kummerċ u jgħawġu l-kompetizzjoni fl-Unjoni.***

---

<sup>40</sup> Id-Direttiva 2008/98/KE, id-Direttiva 2000/59/KE, id-Direttiva 2000/60/KE, id-Direttiva 2008/56/KE u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

<sup>41</sup> Id-Direttiva 94/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ (ĠU L 365, 31.12.1994, p. 10).

<sup>42</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - "Strateġija Ewropea għall-Plastiks f'Ekonomija Ċirkolari" (COM(2018)28 final).

għall-Plastiks<sup>42</sup> biex jiġi żgurat li l-imballaġġ tal-plastik kollu jkun riċiklabbli sal-2030.

---

<sup>40</sup> Id-Direttiva 2008/98/KE, id-Direttiva 2000/59/KE, id-Direttiva 2000/60/KE, id-Direttiva 2008/56/KE u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

<sup>41</sup> Id-Direttiva 94/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ (ĠU L 365, 31.12.1994, p. 10).

<sup>42</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - "Strateġija Ewropea għall-Plastiks f'Ekonomija Ċirkolari" (COM(2018)28 final).

## Emenda 11

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 7

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(7) Sabiex l-isforzi jiġu ffukati fejn huma l-aktar meħtieġa, jenħtieġ li din id-Direttiva tkopri **biss il-prodotti** tal-plastik l-aktar misjuba li jintużaw darba biss, li huma stmati li jirrappreżentaw madwar 86 % tal-SUPs misjuba, skont l-għadd, fuq ix-xtajtiet fl-Unjoni.

##### *Emenda*

(7) Sabiex l-isforzi jiġu ffukati fejn huma l-aktar meħtieġa, jenħtieġ li din id-Direttiva tkopri ***l-prodotti*** tal-plastik l-aktar misjuba li jintużaw darba biss, li huma stmati li jirrappreżentaw madwar 86 % tal-SUPs misjuba, skont l-għadd, fuq ix-xtajtiet fl-Unjoni, ***u l-irkaptu tas-sajd li jikkawża ħsara sinifikanti bħala tniġġis tal-baħar. Barra minn hekk, fil-kuntest tat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom l-għan li jiksibu tnaqqis globali fil-konsum tal-imballaġġ u l-prodotti kollha li jintużaw darba biss. Hija u tagħmel dan trid tevita kwalunkwe diskriminazzjoni.***

## Emenda 12

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 8

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(8) Prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss jistgħu jiġu mmanifatturati minn firxa wiesgħa ta' plastiks. Il-plastiks huma normalment iddefiniti bħala materjali polimeriċi li magħhom jista' jkun li nżidulhom l-addittivi. Madankollu, din id-definizzjoni tkopri ċerti polimeri naturali. Jenħtieġ li l-polimeri naturali mhux modifikati ma jiġux koperti, billi dawn jeżistu b'mod naturali fl-ambjent. ***Għalhekk***, għall-finijiet ta' din id-Direttiva jenħtieġ li tiġi adattata d-definizzjoni ta' polimeru fl-Artikolu 3(5) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>43</sup> u li tiġi introdotta definizzjoni separata. Il-plastiks manifatturati b'polimeri naturali modifikati,

##### *Emenda*

(8) Prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss jistgħu jiġu mmanifatturati minn firxa wiesgħa ta' plastiks. Il-plastiks huma normalment iddefiniti bħala materjali polimeriċi li magħhom jista' jkun li nżidulhom l-addittivi. Madankollu, din id-definizzjoni tkopri ċerti polimeri naturali. Jenħtieġ li l-polimeri naturali mhux modifikati ma jiġux koperti, billi dawn jeżistu b'mod naturali fl-ambjent. ***Għaldaqstant***, għall-finijiet ta' din id-Direttiva jenħtieġ li tiġi adattata d-definizzjoni ta' polimeru fl-Artikolu 3(5) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>43</sup> u li tiġi introdotta definizzjoni separata. Il-plastiks manifatturati b'polimeri naturali modifikati,

jew il-plastiks manifatturati minn sustanzi inizjali b'bażi bijoloġika, fossili jew sintetiċi, li mhumiex ta' oriġini naturali u għalhekk jenħtieġ li jiġu indirizzati f'din id-Direttiva. Għalhekk jenħtieġ li d-definizzjoni adattata tal-plastiks tkopri l-oġġetti tal-lasktu b'bażi ta' polimeri u l-plastiks b'bażi bijoloġika u bijodegradabbli irrispettivament minn jekk humiex derivati minn bijomassa u/jew intenzjonati biex jiġu bijodegradati maż-żmien. Ċerti materjali polimeriċi mhumiex kapaċi jiffunzjonaw bħala komponent strutturali prinċipali ta' materjali u prodotti finali, bħal kisi, żebgħa, linka, u ażeżivi polimeriċi. Jenħtieġ li daww il-materjali ma jiġux indirizzati f'din id-Direttiva u għalhekk ma jiġux koperti mid-definizzjoni.

---

<sup>43</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

## Emenda 13

### Proposta għal direttiva Premessa 8a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

jew il-plastiks manifatturati minn sustanzi inizjali b'bażi bijoloġika, fossili jew sintetiċi, li mhumiex ta' oriġini naturali u għalhekk jenħtieġ li jiġu indirizzati f'din id-Direttiva. Għalhekk jenħtieġ li d-definizzjoni adattata tal-plastiks tkopri l-oġġetti tal-lasktu b'bażi ta' polimeri u l-plastiks b'bażi bijoloġika u bijodegradabbli irrispettivament minn jekk humiex derivati minn bijomassa u/jew intenzjonati biex jiġu bijodegradati maż-żmien. Ċerti materjali polimeriċi mhumiex kapaċi jiffunzjonaw bħala komponent strutturali prinċipali ta' materjali u prodotti finali, bħal kisi, żebgħa, linka, u ażeżivi polimeriċi. Jenħtieġ li daww il-materjali ma jiġux indirizzati f'din id-Direttiva u għalhekk ma jiġux koperti mid-definizzjoni.

---

<sup>43</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

*Emenda*

***(8a) Jeħtieġ li tiġi stabbilita definizzjoni komuni ta' plastik bijodegradabbli u kompostabbli.***

## Emenda 14

### Proposta għal direttiva Premessa 8b (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(8b) Il-prodotti tal-plastik jenħtieġ li jiġu mmanifatturati fid-dawl tat-tul tal-ħajja kollu tagħhom. L-ekodisinn ta' prodott tal-plastik jenħtieġ li dejjem iqis il-fażi tal-produzzjoni, ir-riċiklabilità u possibbilment ukoll r-riutilizzabbiltà tal-prodott. Il-produtturi jenħtieġ li, meta jkun il-każ, jiġu mħeġġa jużaw polimeri uniċi jew kompatibbli biex jimmanifatturaw il-prodotti tagħhom sabiex jissempifikaw is-separazzjoni u jsaħħu r-riċiklabilità, speċjalment fil-każ tal-imballaġġ tal-plastik.**

## Emenda 15

### Proposta għal direttiva Premessa 10

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(10) Jenħtieġ li prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss jiġu indirizzati minn miżura waħda jew minn bosta miżuri, u dan jiddependi **fuq** diversi fatturi, pereżempju d-disponibbiltà ta' **riżorsi** adatti u **ta' alternattivi aktar sostenibbli**, il-fattibbiltà li jibdlu x-xejriet tal-konsum, u safejn huma diġà koperti mil-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni.

(10) Jenħtieġ li prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss jiġu indirizzati minn miżura waħda jew minn bosta miżuri, u dan jiddependi **minn** diversi fatturi, pereżempju d-disponibbiltà ta' **alternattivi** adatti u **aktar sostenibbli kif ukoll ekonomikament validi**, il-fattibbiltà li jibdlu x-xejriet tal-konsum, u safejn huma diġà koperti mil-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni. **Il-miżuri proposti jenħtieġ li jqisu dejjem l-Valutazzjoni taċ-Ċiklu tal-Ħajja (LCA), sabiex jiġu evitati soluzzjonijiet nofs triq li jirriżultaw f'impatt saħansitra aktar negattiv fuq parti differenti tal-ambjent jew tal-ekonomija bħal pereżempju s-sostituzzjoni tal-plastiks b'materjal simili prodott minn**

*bijomaterjal mingħajr ma ssir valutazzjoni ċara tal-bijodegradabbiltà ta' tali materjal inkluża l-bijodegradabbiltà fl-ambjent akkwatiku. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 94/62/KE dwar prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li jitqiesu oġġetti tal-imballaġġ kif iddefinit fl-Artikolu 3(1) fiha.*

## **Emenda 16**

### **Proposta għal direttiva Premessa 10a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(10a) Jinnota li, sabiex issir tranżizzjoni minn ekonomija bbażata fuq il-fossili u minn perspettiva tal-klima, il-prodotti tal-plastik b'bażi bijoloġika huma alternattiva aktar sostenibbli mill-plastiks ibbażati fuq il-fossili. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu mħeġġa l-inċentivi li għandhom l-għan li jissostitwixxu l-materjali bbażati fuq il-fossili b'materjali b'bażi bijoloġika. Dan huwa konformi mal-objettivi tal-Ekonomija Ċirkolari, l-Istrateġija dwar il-Bijoekonomija u l-Istrateġija għall-Plastiks. Fil-proposta ta' politika futura, il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis li tinkludi inċentivi għas-sostituzzjoni u, pereżempju, f'reviżjoni tad-direttiva dwar l-akkwist pubbliku (Direttiva 2014/24/UE), tinkludi kriterji għall-plastiks ibbażati fuq il-kompożizzjoni, il-livell ta' riċiklabbiltà u ta' periklu tagħhom.*

### *Ġustifikazzjoni*

*Kif inhu bħalissa, ir-Regolament għadu vag dwar is-sitwazzjoni tal-plastiks b'bażi bijoloġika. Il-benefiċċju tal-materjal b'bażi bijoloġika għall-produzzjoni tal-plastiks jenħtieġ li jiġi rikonoxxut u mħeġġeġ, speċjalment l-effetti pożittivi li għandu bħala alternattiva aktar sostenibbli għall-plastiks ibbażati fuq il-polimeri u l-kontribut tiegħu għal inqas dipendenza mill-materja prima fossili.*

## Emenda 17

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 11

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(11) Għal ċerti prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, għad mhumiex disponibbli fil-pront alternattivi xierqa u aktar sostenibbli u l-konsum tal-biċċa l-kbira ta' tali prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss mistenni li jiżdied. Sabiex din ix-xejra ***tinbidel*** u ***jiġu promossi sforzi*** lejn soluzzjonijiet aktar sostenibbli, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiksbu tnaqqis sinifikanti fil-konsum ta' dawk il-prodotti, mingħajr ma jikkompromettu l-iġjene tal-ikel jew is-sikurezza tal-ikel, prattiki tal-iġjene tajba, prattiki tajba ta' manifattura, l-informazzjoni għall-konsumatur, jew ir-rekwiżiti ta' traċċabilità stabbiliti fil-leġislazzjoni dwar l-ikel tal-Unjoni<sup>44</sup>.

---

<sup>44</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1-24), ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1-54), ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 dwar materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel u leġislazzjoni rilevanti oħra marbuta mas-sikurezza, l-iġjene u t-tikkettar tal-ikel (ĠU L 338, 13.11.2004, p. 4-17).

## Emenda 18

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 12

##### *Emenda*

(11) Għal ċerti prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, għad mhumiex disponibbli fil-pront alternattivi xierqa u aktar sostenibbli u l-konsum tal-biċċa l-kbira ta' tali prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss mistenni li jiżdied. Sabiex din ix-xejra u ***din l-azzjoni*** lejn soluzzjonijiet aktar sostenibbli ***jinbidlu***, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiksbu tnaqqis sinifikanti fil-konsum ta' dawk il-prodotti, mingħajr ma jikkompromettu l-iġjene tal-ikel jew is-sikurezza tal-ikel, prattiki tal-iġjene tajba, prattiki tajba ta' manifattura, l-informazzjoni għall-konsumatur, jew ir-rekwiżiti ta' traċċabilità stabbiliti fil-leġislazzjoni dwar l-ikel tal-Unjoni<sup>44</sup>. ***It-tnaqqis fil-konsum ġenerali tal-prodotti li jintużaw darba biss huwa kruċjali fit-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari.***

---

<sup>44</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1-24), ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1-54), ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 dwar materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel u leġislazzjoni rilevanti oħra marbuta mas-sikurezza, l-iġjene u t-tikkettar tal-ikel (ĠU L 338, 13.11.2004, p. 4-17).

(12) Għal tipi oħra ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, jinsabu disponibbli alternattivi xierqa u aktar sostenibbli li huma wkoll **affordabbli**. Sabiex jiġi limitat l-impatt negattiv ta' dawn il-prodotti fuq l-ambjent, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprojbixxu **t-tqegħid** tagħhom fis-suq tal-Unjoni. B'hekk, jiġu promossi l-użu ta' daww diġà disponibbli u ta' alternattivi aktar sostenibbli kif ukoll soluzzjonijiet innovattivi favur mudelli tan-negozju aktar sostenibbli, favur alternattivi riutilizzabbli u s-sostituzzjoni ta' materjali.

(12) Għal tipi oħra ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, jinsabu disponibbli alternattivi xierqa u aktar sostenibbli li huma wkoll **bi prezzijiet aċċessibbli**. Sabiex jiġi limitat l-impatt negattiv ta' dawn il-prodotti fuq l-ambjent, jenħtieġ li l-Istati Membri **jintalbu** jipprojbixxu **jew jillimitaw it-tqegħid** tagħhom fis-suq tal-Unjoni **fir-rigward tal-prodotti li jkun fihom sustanzi u materjali li għalihom jeżistu alternattivi sostenibbli u disponibbli, dment li jissodisfaw l-istandard għall-bijodegradabbiltà fl-ambjent mar in iffissat fil-livell tal-UE b'segwitu għar-rapport ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni kif imsemmi fl-Artikolu 15(3)(c) ta' din id-Direttiva**. B'hekk, jiġu promossi l-użu ta' daww diġà disponibbli u ta' alternattivi aktar sostenibbli kif ukoll soluzzjonijiet innovattivi favur mudelli tan-negozju aktar sostenibbli, favur alternattivi riutilizzabbli u s-sostituzzjoni ta' materjali. **Jenħtieġ li jiġu stabbiliti kriterji speċifiċi għall-valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja ta' dawn l-alternattivi u biex jiġi ddeterminat jekk dawn jissodisfaw ir-rekwiżiti attwalment sodisfatti mill-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, jekk humiex konformi mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-iskart u jekk jiżgurawx sostenibbiltà akbar.**

## Emenda 19

### Proposta għal direttiva Premessa 12a (ġdida)

**(12a) Id-Direttiva 94/62/KE, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2015/720 stabbiliet ir-rekwiżit li l-Kummissjoni twettaq rieżami leġiżlattivi sa Mejju 2017 tal-miżuri biex jitnaqqas il-konsum tal-basktijiet tal-plastik ħfief ħafna, abbażi**



*tal-impatti fuq iċ-ċikli tal-ħajja. Il-Kummissjoni s'issa għadha ma wettqitx dak ir-rieżami. Minħabba li tali basktijiet tal-plastik huma ferm suxxettibbli għar-rimi, huwa xieraq li jiġu introdotti miżuri li jillimitaw it-tqegħid tagħhom fis-suq, ħlief għal użi li huma strettament meħtieġa. Jenħtieġ li l-basktijiet tal-plastik ħfief ħafna ma jittqeghdwx fis-suq bħala imballaġġ għal ikel sfuż ħlief meta jkunu meħtieġ għal raġunijiet ta' iġjene u, f'dan il-każ, jenħtieġ li jintużaw biss il-basktijiet bijodegradabbli u kompostabbli (pereżempju għall-imballaġġ ta' ikel niedi, bħal laħam nej, ħut jew prodotti tal-ħalib). Għall-basktijiet tal-plastik ħfief ħafna li għalihom dik ir-restrizzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni ma tapplikax, id-dispożizzjonijiet eżistenti introdotti bid-Direttiva (UE) 2015/720 jibqgħu applikabbli.*

## **Emenda 20**

### **Proposta għal direttiva Premessa 12b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*12(b) F'konformità mal-ġerarkija tal-ġestjoni tal-iskart, l-Istati Membri jenħtieġ li jiehdw miżuri biex jippromwovu alternattivi riutilizzabbli għal plastiks li jintużaw darba biss, inkluż permezz tal-istabiliment ta' miri, inċentivi ekonomiċi, is-sensibilizzazzjoni u billi tiġi żgurata d-disponibbiltà mifruxa ta' alternattivi riutilizzabbli.*

## **Emenda 21**

### **Proposta għal direttiva Premessa 13a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(13a) Fir-rigward tar-Rapport 2016 tal-*

## Emenda 22

### Proposta għal direttiva Premessa 14

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(14) Ċerti prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss jispiċċaw fl-ambjent bħala riżultat tar-rimi inadegwat fil-kanali tad-drenaġġ jew ta' rilaxx ieħor mhux adegwat fl-ambjent. Għalhekk, jenħtieġ li l-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u li ta' spiss jintremew fil-kanali tad-drenaġġ jew inkella li jintremew b'mod ieħor mhux adegwat, jiġu soġġetti għar-reqwiziti tal-immarrkar. Jenħtieġ li l-immarrkar jgħarraf lill-konsumaturi dwar l-għażliet xierqa ta' rimi tal-iskart u/jew dwar għażliet ta' rimi tal-skart li jridu jiġu evitati u/jew dwar l-impatti ambjentali negattivi ***tal-iskart*** minħabba r-rimi mhux xieraq. Jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tistabbilixxi format armonizzat għall-immarrkar u meta tagħmel dan, fejn ikun xieraq, li tittestja l-perċezzjoni tal-immarrkar propost ma' gruppi rappreżentattivi tal-konsumaturi sabiex tiżgura li dan ikun effettiv u jinftiehem b'mod ċar.

#### *Emenda*

(14) Ċerti prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss jispiċċaw fl-ambjent bħala riżultat tar-rimi inadegwat fil-kanali tad-drenaġġ jew ta' rilaxx ieħor mhux adegwat fl-ambjent. Għalhekk, jenħtieġ li l-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u li ta' spiss jintremew fil-kanali tad-drenaġġ jew inkella li jintremew b'mod ieħor mhux adegwat, jiġu soġġetti għar-reqwiziti tal-immarrkar. Jenħtieġ li l-immarrkar jgħarraf lill-konsumaturi dwar l-għażliet xierqa ta' rimi tal-iskart u/jew dwar għażliet ta' rimi tal-skart li jridu jiġu evitati u/jew dwar l-impatti ambjentali negattivi ***taż-żibel*** minħabba r-rimi mhux xieraq. ***Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, jenħtieġ li tqis il-ftehimiet volontarji settorjali adottati għal regoli ċari dwar it-tikkettar sabiex il-konsumaturi jiġu infurmati, pereżempju permezz ta' logo, dwar jekk il-prodott huwiex riċiklabbli jew le.*** Jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tistabbilixxi format armonizzat għall-immarrkar u meta tagħmel dan, fejn ikun xieraq ***u filwaqt li tirrifletti l-ispeċifiċitajiet differenti fl-Istati Membri,*** li tittestja l-perċezzjoni tal-immarrkar propost ma' gruppi rappreżentattivi tal-konsumaturi sabiex tiżgura li dan ikun effettiv u jinftiehem b'mod ċar. ***L-immarrkar għandu jiġi poġġa b'mod viżibbli fuq l-imballaġġ tal-prodotti li jinbiegħu lill-utent finali.***

## Emenda 23

### Proposta għal direttiva Premessa 15

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(15) Fir-rigward ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u li għalihom ma jkunx hemm disponibbli alternattivi xierqa u iktar sostenibbli, jenħtieġ lil-Istati Membri, f'konformità mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, jintroduċu wkoll skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur biex ikopru l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-iskart u tat-tindif taż-żibel kif ukoll l-ispejjeż tal-miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni sabiex jiġi evitat u jitnaqqas dan iż-żibel.

#### *Emenda*

(15) Fir-rigward ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u li għalihom ma jkunx hemm disponibbli alternattivi xierqa u iktar sostenibbli, jenħtieġ lil-Istati Membri, f'konformità mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, jintroduċu wkoll skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur biex ikopru l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-iskart u tat-tindif taż-żibel kif ukoll l-ispejjeż tal-miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni sabiex jiġi evitat u jitnaqqas dan iż-żibel. ***Fir-rigward ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u li għalihom ma jkunx hemm disponibbli alternattivi xierqa u iktar sostenibbli, jenħtieġ li l-Istati Membri, f'konformità mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, jintroduċu wkoll skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur biex ikopru l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-iskart u tat-tindif taż-żibel li huma konsistenti mal-Artikolu 8 u 8a tad-Direttiva 2008/98/KE u l-Artikolu 7 tad-Direttiva 94/62/KE u tat-tindif taż-żibel kif ukoll l-ispejjeż tal-miżuri ta' sensibilizzazzjoni sabiex jiġi evitat u jitnaqqas dan iż-żibel. Filwaqt li jagħmlu dan, għandha titqies il-katina tal-konsumatur kollha u l-produtturi ma jistgħux jinżammu responsabbli għall-imġiba ħażina tal-konsumaturi. Jenħtieġ li tapplika responsabbiltà kondiviża.***

## Emenda 24

### Proposta għal direttiva Premessa 15a (ġdida)

**(15a) *Fil-livell tal-Unjoni, bħalissa ma hemm l-ebda standard xjentifiku aċċettat fuq il-bijodegradabbiltà tal-ambjent marin, u dan jenfasizza l-urġenza tal-Kummissjoni sabiex titlob lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni jiżviluppa standard separat għall-bijodegradabbiltà fl-ambjent marin.***

## **Emenda 25**

### **Proposta għal direttiva Premessa 18a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(18a) *F'konformità mal-ġerarkija tal-ġestjoni tal-iskart, l-Istati Membri jenħtieġ li jpoġġu enfasi fuq l-għoti ta' informazzjoni dwar alternattivi riutilizzabbli għal plastiks li jintużaw darba biss.***

## **Emenda 26**

### **Proposta għal direttiva Premessa 19**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(19) Id-Direttiva 2008/98/KE tistabbilixxi rekwiżiti minimi ġenerali għall-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur. Jenħtieġ li dawk ir-rekwiżiti japplikaw għal skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur stabbiliti b'din id-Direttiva. Din id-Direttiva, madankollu, tistabbilixxi rekwiżiti addizzjonali dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur, pereżempju, ir-rekwiżit fuq il-produtturi ta' ċerti prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li jkopru l-ispejjeż ***tat-tindif tal-iskart.***

(19) Id-Direttiva 2008/98/KE tistabbilixxi rekwiżiti minimi ġenerali għall-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur. Jenħtieġ li dawk ir-rekwiżiti japplikaw għal skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur stabbiliti b'din id-Direttiva. Din id-Direttiva, madankollu, tistabbilixxi rekwiżiti addizzjonali dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur, pereżempju, ir-rekwiżit fuq il-produtturi ta' ċerti prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li jkopru l-ispejjeż ***ta' sensibilizzazzjoni u ta' għoti ta' informazzjoni lill-konsumaturi dwar il-***

*mod ta' rimi xieraq u l-impatt tat-tixrid taż-żibel fuq l-ambjent. Jenħtieġ li japplika l-prinċipju ta' responsabbiltà kondiviża kif ukoll kooperazzjoni aħjar fost is-setturi rilevanti kollha inklużi l-produtturi, il-konsumaturi u l-isfera pubblika.*

## Emenda 27

### Proposta għal direttiva Premessa 20

*Test propost mill-Kummissjoni*

(20) Fliexken tax-xorb li huma prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss huma wieħed minn fost l-oġġetti taż-żibel fil-baħar l-aktar misjuba fuq ix-xtajtiet fl-Unjoni. Dan huwa minħabba sistemi mhux effettivi tal-ġbir separat u minħabba l-parteciġazzjoni baxxa mill-konsumaturi f'dawk is-sistemi. Jeħtieġ li jiġu promossi sistemi aktar effiċjenti tal-ġbir separat u **għalhekk, trid tiġi stabbilita mira minima tal-ġbir separat għall-fliexken tax-xorb li huma prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu kapaċi jilhqqu dik il-mira minima billi jistabbilixxu miri tal-ġbir separat għall-fliexken tax-xorb li huma prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss fil-qafas tal-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur, jew billi jistabbilixxu skemi tar-rimborż tad-depożitu jew kwalunkwe miżura oħra li huma jqisu xieraq.** Dan se jkollu impatt pożittiv **u dirett** fuq ir-rata tal-ġbir, fuq il-kwalità tal-materjal miġbur u fuq il-kwalità tar-riċiklati, li joffri opportunitajiet għan-negożju tar-riċiklaġġ u għas-suq tar-riċiklat.

## Emenda 28

### Proposta għal direttiva Premessa 20a (ġdida)

*Emenda*

(20) Fliexken tax-xorb li huma prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss huma wieħed minn fost l-oġġetti taż-żibel fil-baħar l-aktar misjuba fuq ix-xtajtiet fl-Unjoni. Dan huwa minħabba sistemi mhux effettivi tal-ġbir separat u minħabba l-parteciġazzjoni baxxa mill-konsumaturi f'dawk is-sistemi. Jeħtieġ li jiġu promossi sistemi aktar effiċjenti tal-ġbir separat u **huwa f'idejn l-Istati Membri li jistabbilixxu l-aktar skema tal-ġbir effiċjenti u adattata sabiex jintlaħqu l-miri stabbiliti fid-Direttiva 2008/98/KE u d-Direttiva 94/62/UE. Ġbir aħjar u rati ta' riċiklaġġ ogħla jistgħu jiġu appoġġati permezz ta' miżuri ta' ekodisinn, pereżempju billi l-produtturi jiġu mħeġġa jużaw polimeri uniċi jew kompatibbli jew billi jiġu introdotti miżuri oħra li jħeġġu lill-produtturi jużaw materjali sostenibbli.** Dan se jkollu impatt pożittiv fuq ir-rata tal-ġbir, fuq il-kwalità tal-materjal miġbur u fuq il-kwalità tar-riċiklati, li joffri opportunitajiet għan-negożju tar-riċiklaġġ u għas-suq tar-riċiklat.

**(20a) L-Istati Membri jenħtieġ li jqisu l-introduzzjoni ta' kontenut riċiklat obligatorju ta' ċerti prodotti tal-plastik biex jappoġġaw ir-rati ta' riċiklaġġ u s-suq b'materjali riċiklati. Is-sinerġiji industrijali jenħtieġ li jiġu appoġġati f'dan ir-rigward, peress li l-iskart minn industrija waħda jista' jkun riżorsa siewja għal industrija oħra. L-Istati Membri jenħtieġ li jaqdu r-rwol tagħhom billi jappoġġaw tali sinerġiji u jinċentivaw attivitajiet volontarji tal-produtturi fil-qasam tal-prevenzjoni tal-iskart u ta' ġestjoni aħjar tal-iskart u billi jindirizzaw it-tniġġis.**

## Emenda 29

### Proposta għal direttiva Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni

(22) **Il-paragrafu** 22 tal-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016<sup>48</sup>, **jenħtieġ** li l-Kummissjoni tagħmel evalwazzjoni ta' din id-Direttiva. Jenħtieġ li dik l-evalwazzjoni tkun ibbażata fuq l-esperjenza miġbura u fuq id-data miġbura matul l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u fuq **id-dejta** miġbura skont id-Direttiva 2008/56/KE jew id-Direttiva 2008/98/KE. Jenħtieġ li l-evalwazzjoni tipprovdi l-bażi għal valutazzjoni ta' miżuri ulterjuri possibbli u għal valutazzjoni dwar jekk, fid-dawl tal-monitoraġġ taż-żibel fil-baħar fl-Unjoni, jeħtieġx li jiġi rivedut l-Anness li jelenka l-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss. L-evalwazzjoni għandha tqis ukoll jekk il-progress xjentifiku u tekniku li seħħ fil-frattemp, inkluż l-iżvilupp ta' materjali bijodegradabbli u l-iżvilupp ta' kriterji jew

Emenda

(22) **Bi qbil mal-paragrafu** 22 tal-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016<sup>48</sup>, **jenħtieġ** li l-Kummissjoni tagħmel evalwazzjoni ta' din id-Direttiva. Jenħtieġ li dik l-evalwazzjoni tkun ibbażata fuq l-esperjenza miġbura u fuq id-data miġbura matul l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u fuq **id-data** miġbura skont id-Direttiva 2008/56/KE jew id-Direttiva 2008/98/KE. Jenħtieġ li l-evalwazzjoni tipprovdi l-bażi għal valutazzjoni ta' miżuri ulterjuri possibbli u għal valutazzjoni dwar jekk, fid-dawl tal-monitoraġġ taż-żibel fil-baħar fl-Unjoni, jeħtieġx li jiġi rivedut l-Anness li jelenka l-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss. L-evalwazzjoni għandha tqis ukoll jekk il-progress xjentifiku u tekniku li seħħ fil-frattemp, inkluż l-iżvilupp ta' materjali bijodegradabbli u l-iżvilupp ta' kriterji jew

standard għall-bijodegradabbiltà tal-plastiks fl-ambjent tal-baħar, kif previst fl-Istrateġija Ewropea għall-Plastiks, **u tippermetti t-twaqqif** ta' standard għall-bijodegradazzjoni fl-ambjent tal-baħar ta' ċerti prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss. Dak l-istandard ikun jinkludi standard li jittestja jekk, bħala riżultat ta' dekompożizzjoni fiżika u bijoloġika fl-ambjent tal-baħar, il-plastiks jiddekomponu kompletament f'diossidu tal-karbonju (CO<sub>2</sub>), f'bijomassa u fl-ilma **f'perjodu** ta' żmien qasir biżżejjed biex il-plastiks ma jkunux ta' ħsara għall-ħajja marina u ma jwasslux għall-akkumulazzjoni tal-plastiks fl-ambjent. Jekk dan ikun il-każ, **il-prodotti** tal-plastik li jintużaw darba biss li jilħqu dan l-istandard jistgħu jiġu eżentati mill-projbizzjoni fuq it-tqegħid fis-suq. Filwaqt li l-Istrateġija Ewropea għall-Plastiks diġà tipprevedi azzjoni f'dan il-qasam, hija tirrikonoxxi wkoll l-isfidi f'dak li jirrigwarda l-iffissar ta' qafas regolatorju għall-plastiks b'karatteristiċi bijodegradabbli minħabba l-kundizzjonijiet marini differenti fl-ibħra.

---

<sup>48</sup> ĠU L 123 12.5.2016 p. 1.

standard għall-bijodegradabbiltà tal-plastiks fl-ambjent tal-baħar, kif previst fl-Istrateġija Ewropea għall-Plastiks, **jiippermettix it-twaqqif** ta' standard għall-bijodegradazzjoni fl-ambjent tal-baħar ta' ċerti prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss **u tal-irkapti tas-sajd**. Dak l-istandard ikun jinkludi standard li jittestja jekk, bħala riżultat ta' dekompożizzjoni fiżika u bijoloġika fl-ambjent tal-baħar, il-plastiks jiddekomponu kompletament f'diossidu tal-karbonju (CO<sub>2</sub>), f'bijomassa u fl-ilma **f'perjodu** ta' żmien qasir biżżejjed biex il-plastiks ma jkunux ta' ħsara għall-ħajja marina u ma jwasslux għall-akkumulazzjoni tal-plastiks fl-ambjent. Jekk dan ikun il-każ, **l-irkapti tas-sajd u l-prodotti** tal-plastik li jintużaw darba biss li jilħqu dan l-istandard jistgħu jiġu eżentati mill-projbizzjoni fuq it-tqegħid fis-suq. Filwaqt li l-Istrateġija Ewropea għall-Plastiks diġà tipprevedi azzjoni f'dan il-qasam, hija tirrikonoxxi wkoll l-isfidi f'dak li jirrigwarda l-iffissar ta' qafas regolatorju għall-plastiks b'karatteristiċi bijodegradabbli minħabba l-kundizzjonijiet marini differenti fl-ibħra.

---

<sup>48</sup> ĠU L 123 12.5.2016 p. 1.

### *Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jittieħdu l-azzjonijiet kollha meħtieġa biex jiġi evitat iż-żibel fil-baħar, għadna neħtieġu evalwazzjoni komprensiva dwar il-progress tekniku u xjentifiku tal-prodotti kollha li jistgħu jilħqu l-kompartiment tal-baħar.*

## **Emenda 30**

### **Proposta għal direttiva Premessa 23**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(23) L-Istati Membri **għandhom** jistabbilixxu regoli dwar il-pieni applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet

#### *Emenda*

(23) L-Istati Membri **jenħtieġ li** jistabbilixxu regoli dwar il-pieni applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet

ta' din id-Direttiva u jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali jenħtieġ li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

ta' din id-Direttiva u jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali jenħtieġ li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. ***Il-konsumaturi jenħtieġ li jiġu inċentivati jew penalizzati wkoll għall-imġiba tagħhom.***

## Emenda 31

### Proposta għal direttiva Premessa 25a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(25a) Jenħtieġ li, permezz tal-appoġġ għar-riċerka u l-innovazzjoni, anki fil-qafas tal-programm Orizzont Ewropa, jiġu mħeġġa l-investimenti lejn soluzzjonijiet effiċjenti fl-użu ta' riżorsi u ċirkolari, bħall-għażliet ta' prevenzjoni u ta' disinn, id-diversifikazzjoni tal-materja prima u t-teknoloġiji innovattivi tar-riċiklaġġ, bħar-riċiklaġġ molekulari u kimiku, kif ukoll it-titjib tar-riċiklaġġ mekkaniku; jissottolinja l-potenzjal innovattiv tan-negozji l-ġodda f'dan ir-rigward; jappoġġa l-istabbiliment ta' programm strateġiku għar-riċerka u l-innovazzjoni dwar iċ-ċirkolarità tal-materjali, b'attenzjoni partikolari fir-rigward tal-plastik u l-materjali li fihom il-plastik, kif ukoll l-imballaġġ; jinnota li se jkun meħtieġ finanzjament adegwat bħala għajnuna sabiex ikun eżerċitat effett ta' lieva fuq l-investment privat; jenfasizza li s-sħubijiet pubbliċi privati jistgħu jgħinu jaċċeleraw it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari;***

## Emenda 32

### Proposta għal direttiva Premessa 25b (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(25b) It-trawwim tar-riċerka u l-***



*innovazzjoni huwa għodda u prekundizzjoni meħtieġa biex tintlaħaq katina tal-valur aktar sostenibbli fi ħdan is-settur tal-imballaġġ. Għal dan il-għan, jidher li huwa mixtieq li jissaħħu l-mekkaniżmi ta' finanzjament fi ħdan il-kuntest tal-għodod ta' programmazzjoni Ewropej għar-R&Ż, bħall-Programmi ta' Qafas tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (jiġifieri Orizzont 2020), fid-dawl tal-Aġenda Strateġika ta' Riċerka u Innovazzjoni għall-Plastiks li jmiss.*

*(Din l-emenda jenħtieġ li tiġi inkluża bħala premessa ġdida; il-pożizzjoni b'mod partikolari mhijiex importanti.)*

### *Ġustifikazzjoni*

*Ir-riċerka u l-innovazzjoni huma l-qofol tas-sostenibbiltà. Fid-dawl ta' dan, huwa meħtieġ li jiġu allokatu appoġġ u riżorsi adegwati għar-riċerka u l-innovazzjoni fis-settur tal-imballaġġ sabiex l-industrija kkonċernata jiġu megħjuna fil-kompitu tagħhom li jilħqu l-oġettivi deskritti fl-Istrateġija għall-Plastik.*

## **Emenda 33**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 1**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-għan ta' din id-Direttiva huwa li **timpedixxi** u **tnaqqas l-impatt** ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent, b'mod partikolari l-ambjent **akwatiku**, u fuq is-saħħa tal-bniedem kif ukoll biex tiġi promossa t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari **b'mudelli** tan-negozju, prodotti u materjali innovattivi, u b'hekk tikkontribwixxi wkoll għall-funzjonament effiċjenti tas-suq intern.

#### *Emenda*

L-għan ta' din id-Direttiva huwa li **ssaħħaħ ir-rwol ta' tmexxija tal-Unjoni fil-prevenzjoni** u **fit-tnaqqis sinifikanti tal-impatt** ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent, b'mod partikolari l-ambjent **akkwatiku**, u fuq is-saħħa tal-bniedem kif ukoll biex tiġi promossa t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari **billi jonqos il-konsum ta' prodotti li jintużaw darba biss, u billi jiġu promossi mudelli** tan-negozju, prodotti u materjali **sostenibbli** u innovattivi, u b'hekk tikkontribwixxi wkoll għall-funzjonament effiċjenti tas-suq intern.

## Emenda 34

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

(1) "plastik" ***tfisser*** materjal magħmul minn polimeru skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, li jaf ikollu addittivi jew sustanzi oħra miżjuda, u li ***jista'*** jiffunzjona bħala ***komponent*** strutturali prinċipali tal-prodotti finali, bl-eċċezzjoni tal-polimeri naturali li ma ġewx modifikati kimikament;

*Emenda*

(1) "plastik"; materjal magħmul minn polimeru skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, li jaf ikollu addittivi jew sustanzi oħra miżjuda, u li jiffunzjona bħala ***l-komponent*** strutturali prinċipali tal-prodotti finali, bl-eċċezzjoni tal-polimeri naturali li ma ġewx modifikati kimikament ***u kisi, żebgħa, linka u adeżivi polimeriċi li mhumiex kapaċi jiffunzjonaw bħala l-komponent strutturali prinċipali tal-oġġetti u l-prodotti finali;***

## Emenda 35

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(1a) bijoplastik bijodegradabbli u kompostabbli u li jkollu kontenut għoli ta' materja prima rinnovabbli, skont l-istandard Ewropew UNI EN 13432 u d-Direttiva 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ, li jippermetti li tiġi ottimizzata l-ġestjoni tal-iskart organiku, jitnaqqas l-impatt ambjentali u jingħata kontribut għall-iżvilupp ta' sistemi tajbin b'vantaġġi sinifikanti matul iċ-ċiklu sħiħ tal-produzzjoni, tal-konsum u tar-rimi.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*Dawn il-materjali miksuba minn serje ta' teknoloġiji fil-qasam tal-lamti, taċ-ċellulożi, miż-żjut veġetali u mit-taħlitiet tagħhom, jiġu prodotti permezz ta' katina integrata li ssegwi mudell bjoekonomiku mifhuma bħala riġenerazzjoni territorjali u innovazzjoni fl-impjanti industrijali.*

## Emenda 36

### Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(1b) "kisi" huwa saff wieħed jew aktar mhux ta' appoġġ, immanifatturati bl-użu tal-plastik, kif iddefinit fl-Artikolu 3(1) ta' din il-leġiżlazzjoni, applikati fuq materjal jew oġġett sabiex jingħatalu karatteristiċi speċjali jew sabiex tittejjeb il-prestazzjoni teknika tiegħu;**

#### *Ġustifikazzjoni*

*Għall-finijiet ta' din id-Direttiva u biex tkun żgurata interpretazzjoni komuni mill-Istati Membri u funzjonament tajjeb tas-Suq Uniku tal-UE, id-definizzjoni ta' kisi f'din id-Direttiva jenħtieġ li tiġi ddefinita b'mod ċar abbażi tad-definizzjoni diġà fis-seħħ fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/213 li jemenda r-Regolament dwar il-Plastik 10/2011.*

## Emenda 37

### Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(2a) "basktijiet tal-plastik ħfief ħafna" tfisser basktijiet tal-plastik ħfief bi ħxuna ta' inqas minn 15-il mikrometru.**

#### *Ġustifikazzjoni*

*Basktijiet tal-plastik ħfief ħafna jenħtieġ li jkunu ddefiniti abbażi tal-ħxuna tagħhom biss. Hemm diġà disponibbli alternattivi għal ikel sfuż; għaldaqstant mhuwiex korrett li basktijiet tal-plastik ħfief ħafna jkunu meħtieġa għal finijiet tal-iġjene jew għall-imballaġġ ta' ikel sfuż. Għalhekk, ir-referenza għad-definizzjoni fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 94/62/KE mhijiex f'llokha.*

## Emenda 38

### Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiksbu tnaqqis sinifikanti fil-konsum tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li huma elenkati fil-Parti A tal-Anness fit-territorju tagħhom sa ... [sitt snin wara d-data finali għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva].

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiksbu tnaqqis sinifikanti fil-konsum tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li huma elenkati fil-Parti A tal-Anness fit-territorju tagħhom sa ... [sitt snin wara d-data finali għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva]. ***L-Istati Membri għandhom jevalwaw l-impatti soċjali, ekonomiċi u ambjentali biex jadottaw pjanijiet nazzjonali għall-ksib ta' dan it-tnaqqis, inklużi miri kwantitattivi speċifiċi ta' tnaqqis, inċentivi speċifiċi għas-setturi kkonċernati u l-miżuri meħuda. Il-pjanijiet nazzjonali għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni u għandhom jiġu aġġornati fejn meħtieġ. Il-Kummissjoni tista' toħroġ rakkomandazzjonijiet dwar il-pjanijiet adottati.***

## **Emenda 39**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu miri nazzjonali għat-tnaqqis tal-konsum, miżuri li jiżguraw li fil-punt tal-bejgħ lill-konsumatur finali, ***kien*** hemm id-disponibbiltà ta' alternattivi riutilizzabbli għal dawk il-prodotti, strumenti ekonomiċi pereżempju li jiġi żgurat li l-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss ma jingħatawx mingħajr hłas fil-punt tal-bejgħ lill-konsumatur finali. Dawk il-miżuri jistgħu jvarjaw, skont l-impatt ambjentali tal-prodotti msemmija fl-ewwel subparagrafu.

Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu miri nazzjonali għat-tnaqqis tal-konsum, miżuri li jiżguraw li fil-punt tal-bejgħ lill-konsumatur finali, ***ikun*** hemm id-disponibbiltà ta' alternattivi riutilizzabbli għal dawk il-prodotti ***inkluż il-finanzjament tar-riċerka għal soluzzjonijiet ċirkolari u sinerġiji mal-fondi tal-UE ta' riċerka u investment***, strumenti ekonomiċi pereżempju li jiġi żgurat li l-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss ma jingħatawx mingħajr hłas fil-punt tal-bejgħ lill-konsumatur finali. Dawk il-miżuri jistgħu jvarjaw, skont ***l-ispeċifiċitajiet nazzjonali u l-impatt ambjentali tal-prodotti msemmija fl-ewwel subparagrafu. Il-miżuri meħuda min-***

*negozji fuq bażi volontarja huma mixtieqa u jenħtieġ li jiġu promossi u jingħataw prijorità.*

#### **Emenda 40**

##### **Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt c**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(c) *il-preżenza tal-plastiks fil-prodott. imħassar***

*Ġustifikazzjoni*

*Il-preżenza ta' plastik fiha nnfisha ma tagħti l-ebda informazzjoni rilevanti. Il-plastik fih innifsu mhux sustanza li għandu jiġi pprojbit jew issir twissija kontra l-użu tiegħu.*

#### **Emenda 41**

##### **Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a. *Il-kontenituri tax-xorb b'xorb karbonat għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.***

#### **Emenda 42**

##### **Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Fir-rigward tal-iskemi stabbiliti skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti E tal-Anness għandhom ikopru l-ispejjeż tal-ġbir tal-iskart li jikkonsisti

Fir-rigward tal-iskemi stabbiliti skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti E tal-Anness għandhom ikopru l-ispejjeż tal-ġbir tal-iskart li jikkonsisti

minn dawk il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u t-trasport u t-trattament sussegwenti tiegħu, **inklużi l-ispejjeż biex jitnaddaf l-iskart u l-ispejjeż tal-miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni msemija fl-Artikolu 10 fir-rigward ta' dawk il-prodotti.**

minn dawk il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u t-trasport u t-trattament sussegwenti tiegħu **kif iddefinit skont l-Artikolu 8 u 8a tad-Direttiva 2008/98/KE, inklużi l-ispejjeż tal-miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni msemija fl-Artikolu 10 fir-rigward ta' dawk il-prodotti.**

#### Emenda 43

##### Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

Għal prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li huma imballaġġ, ir-reqwiziti stabbiliti f'dan il-paragrafu **jissupplementaw ir-reqwiziti** rigward skemi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur stabbiliti fid-Direttiva 94/62/KEE u fid-Direttiva 2008/98/KE.

*Emenda*

Għal prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li huma imballaġġ, ir-reqwiziti stabbiliti f'dan il-paragrafu **huma mingħajr preġudizzju għar-reqwiziti** rigward skemi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur stabbiliti fid-Direttiva 94/62/KEE u fid-Direttiva 2008/98/KE.

#### Emenda 44

##### Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a. Il-Kummissjoni għandha, fi żmien 18-il xahar mill-adozzjoni ta' din id-Direttiva, tadotta atti delegati skont l-Artikolu [XXX] biex tiddefinixxi l-elementi ewlenin tal-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu fuq bażi ta' prodott prodott. L-elementi ewlenin jinkludu metodi għat-tqassim tar-responsabbiltà, il-kalkolu tal-ispejjeż u d-definizzjoni ta' elementi speċifiċi oħra skont ir-reqwiziti minimi stabbiliti mid-Direttiva 2008/98/KE. Meta rilevanti, jenħtieġ li jitqiesu wkoll ir-**

## Emenda 45

### Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 2b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2b.** *L-Istati Membri għandhom jadottaw l-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur li jaqgħu fl-ambitu tal-paragrafu 1 u 2 ta' dan l-Artikolu fi żmien [18-il xahar] mill-adozzjoni tal-att delegat tal-Kummissjoni msemmi fil-paragrafu 2a ta' dan l-Artikolu.*

## Emenda 46

### Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Fir-rigward tal-iskemi stabbiliti skont il-paragrafu 3, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi ta' rkaptu tas-sajd li fih il-plastik għandhom ikopru l-ispejjeż tal-ġbir tal-irkaptu tas-sajd skartat li fih il-plastik li twassal fil-faċilitajiet adegwati tal-akkoljenza fil-portijiet skont il-liġi tal-Unjoni dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet jew f'sistemi ta' ġbir ekwivalenti oħrajn li jaqgħu barra l-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet u t-trasport u t-trattament sussegwenti tiegħu. Il-produtturi għandhom ikopru wkoll l-ispejjeż tal-miżuri **li jqajmu** sensibilizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 10 dwar l-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik.

Fir-rigward tal-iskemi stabbiliti skont il-paragrafu 3, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi ta' rkaptu tas-sajd li fih il-plastik għandhom ikopru l-ispejjeż **supplementari** tal-ġbir tal-irkaptu tas-sajd skartat li fih il-plastik li twassal fil-faċilitajiet adegwati tal-akkoljenza fil-portijiet skont il-liġi tal-Unjoni dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet jew f'sistemi ta' ġbir ekwivalenti oħrajn li jaqgħu barra l-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet u t-trasport u t-trattament sussegwenti tiegħu. Il-produtturi għandhom ikopru wkoll l-ispejjeż tal-miżuri **ta'** sensibilizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 10 dwar l-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik.

## Emenda 47

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 8a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Artikolu 8a**

***Eżerċizzju tad-delega***

- 1. Is-setgħa ta' adożzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.***
- 2. Is-setgħa ta' adożzjoni ta' atti delegati msemija fl-Artikoli [XXX] hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' [ħames snin] mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.***
- 3. Id-delega ta' setgħa msemija fl-Artikoli [XXX] tista' tkun revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.***
- 4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.***
- 5. Att delegat adottat skont l-Artikoli [XXX] għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-***



***Kummissjoni li mhumiex sejr in  
joġġezzjonaw. Dan il-perjodu għandu jiġi  
estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-  
Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.***

## **Emenda 48**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 9 - paragrafu 1 - parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex, **sal-2025, jiġbru b'mod separat, ammont ta' skart tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti F tal-Anness li jammonta għal 90 % tat-tali prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, imqiegħda fis-suq f'sena partikolari skont il-piż.** Sabiex jintlaħaq dan l-għan, l-Istati Membri jistgħu inter alia:

*Emenda*

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex **jissodisfaw il-miri għall-ġbir tal-plastiks u l-imballaġġ tal-plastik kif stabbilit mid-Direttiva 2008/98/UE u mid-Direttiva 94/62/UE.** Sabiex jintlaħaq dan l-għan, l-Istati Membri jistgħu inter alia:

## **Emenda 49**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) jistabbilixxu skemi tar-rimborż tad-depożitu, jew

*Emenda*

(a) jistabbilixxu skemi tar-rimborż tad-depożitu **jew sistemi ta' ġbir awtomatizzati li jqisu l-kundizzjonijiet lokali u reġjonali,** jew

## **Emenda 50**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) jistabbilixxu miri tal-ġbir separat

*Emenda*

(b) jistabbilixxu miri tal-ġbir separat

għall-iskemi rilevanti ta' responsabbiltà  
estiża tal-produttur.

għall-iskemi rilevanti ta' responsabbiltà  
estiża tal-produttur, *jew*

## **Emenda 51**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 9 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ca) ġdid: bi kwalunkwe miżura oħra,  
pereżempju dawk elenkati fl-Anness tad-  
Direttiva 2008/98/UE, li l-Istati Membri  
jqisu adegwata.*

## **Emenda 52**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 9a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

### *Artikolu 9a*

*Il-Kummissjoni Ewropea għandha  
tiżviluppa gwida li tinkludi rekwiżiti  
minimi għall-istabbiliment ta' Sistemi tar-  
Rimborż tad-Depożitu.*

## **Emenda 53**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 10 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri  
biex jgħarrfu lill-konsumaturi tal-prodotti  
tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati  
fil-parti B tal-Anness bir-raġunijiet tar-  
restrizzjonijiet għat-tqegħid fis-suq  
tagħhom qabel ma dawn jidħlu fis-seħħ.*

## **Emenda 54**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 10 – paragrafu 1b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***L-Istati Membri jingħataw parir li  
jistabbilixxu skema għall-ġhoti ta'  
inċentivi u penali lill-konsumaturi għall-  
imġiba ħażina tagħhom.***

**Emenda 55**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 11 – titolu**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Koordinazzjoni ta' miżuri

Koordinazzjoni ta' miżuri ***fost l-Istati  
Membri***

**Emenda 56**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 11a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Artikolu 11a***

***Koordinazzjoni ta' miżuri fil-livell  
internazzjonali***

***Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-  
Istati Membri, għandha tipprova  
tikkoordina miżuri li jnaqqsu l-impatt ta'  
ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent u  
tappoġġa t-tranżizzjoni lejn mudelli  
ekonomiċi sostenibbli fil-livell  
internazzjonali.***

**Emenda 57**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 15 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' din id-Direttiva sa ... *[sitt* snin wara d-data finali *għat-trasposizzjoni* ta' din id-Direttiva]. Din l-evalwazzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-informazzjoni disponibbli skont l-Artikolu 13. Għall-finijiet tal-evalwazzjoni u tat-tħejjija tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jipprovdu kull informazzjoni addizzjonali meħtieġa lill-Kummissjoni.

**Emenda 58**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt c**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) sarx biżżejjed progress xjentifiku u tekniku, u kriterji jew standard għall-bijodegradabbiltà fl-ambjent marin applikabbli għal prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva u jekk ġewx żviluppati s-sostituti tagħhom li jintużaw darba biss, sabiex jiġi ddeterminat liema prodotti m'għadx għandhom bżonn ikunu soġġetti *għar-restrizzjonijiet fuq it-tqegħid fis-suq, fejn xieraq.*

**Emenda 59**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' din id-Direttiva sa ... *[erba'* snin wara d-data finali *għat-traspożizzjoni* ta' din id-Direttiva]. Din l-evalwazzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-informazzjoni disponibbli skont l-Artikolu 13. Għall-finijiet tal-evalwazzjoni u tat-tħejjija tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jipprovdu kull informazzjoni addizzjonali meħtieġa lill-Kummissjoni.

*Emenda*

(c) sarx biżżejjed progress xjentifiku u tekniku, u kriterji jew standard *Ewropew* għall-bijodegradabbiltà fl-ambjent marin applikabbli għal prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva u jekk ġewx żviluppati s-sostituti tagħhom li jintużaw darba biss, sabiex jiġi ddeterminat liema prodotti m'għadx għandhom bżonn ikunu soġġetti *għat-tnaqqs fil-konsum.*

*Madankollu, fir-rigward tal-mikrointrapriżi u tal-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju u f'konformità mad-definizzjoni tal-SMEs tal-Kummissjoni applikabbli fid-data tad-dħul fis-seħħ, l-*

*Istati Membri għandhom japplikaw il-miżuri neċessarji biex jikkonformaw mal-Artikoli 5 u 7(1) minn ... [tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u mal-Artikolu 6(1) minn ... [erba' snin wara d-dħul fis-seħħ tal-istandard armonizzat imsemmi fl-Artikolu 6(3) ta' din id-Direttiva].*

## **Emenda 60**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 2b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*L-Istati Membri għandhom jadottaw l-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur meħtieġa biex jikkonformaw mal-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 8 skont id-dispożizzjonijiet ta' dak l-Artikolu.*

## **Emenda 61**

**Proposta għal direttiva**  
**Anness I – parti A – sottotitolu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Wet wipes, jiġifieri srievet imxarrba minn qabel għall-kura personali, u dawk għal użu domestiku u industrijali,*

## **Emenda 62**

**Proposta għal direttiva**  
**Anness I – parti A – inċiż 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*- Fliexken tax-xorb*

## **Emenda 63**

**Proposta għal direttiva**

## **Anness I – parti B**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**B** *Prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li huma koperti mill-Artikolu 5 dwar ir-restrizzjoni fuq it-tqegħid fis-suq*

*imħassar*

— *Stiekek tal-cotton buds, ħlief għal swabs maħsubin u użati għal skopijiet mediċi*

— *Pożati (frieket, skieken, imgħaref, chopsticks)*

— *Platti*

— *Straws, ħlief straws maħsubin u użati għal skopijiet mediċi*

— *Ħawwada tax-xorb*

— *Stiekek li jitwahnlu mal-bżieġaq u li jżommuhom, ħlief il-bżieġaq għall-użi u għall-applikazzjonijiet industrijali jew professjonali oħrajn li mhumiex distribwiti lill-konsumaturi, inklużi l-mekkaniżmi tat-tali stiekek*

*Ġustifikazzjoni*

*F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, ir-restrizzjonijiet jenħtieġ li jiġu applikati biss bħala l-aħħar soluzzjoni. Meta tiġi biex tidentifika l-aktar modi xierqa biex jiġi evitat l-iskart, il-Kummissjoni jenħtieġ li tagħti prijorità lill-ġbir u l-immaniġġjar tajjeb tal-iskart. Barra minn hekk, ir-restrizzjonijiet introdotti hawnhekk la kienu previsti fl-IIA, u lanqas tqiesu waqt il-konsultazzjonijiet pubbliċi.*

## **Emenda 64**

**Proposta għal direttiva  
Anness I – parti D – inċiż 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

— *Bżieġaq, ħlief il-bżieġaq għall-użi u għall-applikazzjonijiet industrijali jew professjonali oħrajn, li mhumiex distribwiti lill-konsumaturi*

*imħassar*

*Ġustifikazzjoni*

*Ara l-Artikolu 7.*

**Emenda 65**

**Proposta għal direttiva  
Anness I – parti D – inċiż 3a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- ***Ħrieqi mhux riutilizzabbli***

**Emenda 66**

**Proposta għal direttiva  
Anness I – parti F – inċiż 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- ***Ħrieqi mhux riutilizzabbli***

## PROCĊDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

<b>Titolu</b>	It-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent
<b>Referenzi</b>	COM(2018)0340 – C8-0218/2018 – 2018/0172(COD)
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 11.6.2018
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 11.6.2018
<b>Rapporteur</b> Data tal-ħatra	Barbara Kappel 25.6.2018
<b>Eżami fil-kumitat</b>	3.9.2018
<b>Data tal-adozzjoni</b>	24.9.2018
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 27 –: 12 0: 6
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Bendt Bendtsen, Jonathan Bullock, Jerzy Buzek, Cristian-Silviu Buşoi, Angelo Ciocca, Jakob Dalunde, Christian Ehler, Igor Gräzin, Rebecca Harms, Barbara Kappel, Jeppe Kofod, Zdzisław Krasnodębski, Christelle Lechevalier, Janusz Lewandowski, Paloma López Bermejo, Tilly Metz, Nadine Morano, Morten Helveg Petersen, Carolina Punset, Julia Reda, Paul Rübig, Massimiliano Salini, Sven Schulze, Neoklis Sylikiotis, Dario Tamburrano, Evžen Tošenovský, Vladimir Urutchev, Henna Virkkunen, Lieve Wierinck, Hermann Winkler, Flavio Zanonato, Carlos Zorrinho, Anna Záborská, Pilar del Castillo Vera
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Amjad Bashir, Michał Boni, Françoise Grossetête, Gunnar Hökmark, Benedek Jávor, Werner Langen, Olle Ludvigsson, Marisa Matias, Markus Pieper, Pavel Telička
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Bernd Kölmel



**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>27</b>	<b>+</b>
ALDE	Igor Gräzin, Morten Helveg Petersen, Carolina Punset, Pavel Telička, Lieve Wierinck
ECR	Amjad Bashir, Zdzisław Krasnodębski, Evžen Tošenovský
ENF	Angelo Ciocca, Barbara Kappel
PPE	Bendt Bendtsen, Michał Boni, Cristian-Silviu Bușoi, Jerzy Buzek, Pilar del Castillo Vera, Christian Ehler, Gunnar Hökmark, Werner Langen, Janusz Lewandowski, Nadine Morano, Markus Pieper, Paul Rübig, Sven Schulze, Vladimir Urutchev, Henna Virkkunen, Hermann Winkler, Anna Záborská

<b>12</b>	<b>-</b>
ECR	Bernd Kölmel
EFDD	Dario Tamburrano
ENF	Christelle Lechevalier
GUE/NGL	Paloma López Bermejo, Marisa Matias, Neoklis Sylikiotis
PPE	Françoise Grossetête
VERTS/ALE	Jakop Dalunde, Rebecca Harms, Benedek Jávor, Tilly Metz, Julia Reda

<b>6</b>	<b>0</b>
EFDD	Jonathan Bullock
PPE	Massimiliano Salini
S&D	Jeppé Kofod, Olle Ludvigsson, Flavio Zanonato, Carlos Zorrinho

It-tifsira tas-simboli:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni